MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**MICHAEL MALLIA**

Seduta tas-17 ta' Ottubru, 2013

Appell Kriminali Numru. 310/2011

**Appell Nru: 310/2011**
**Il-Pulizija**
**[Spettur Ramon Mercieca]**
**Vs**
**Helga (Maria Helga) Muscat**

Illum, 17 t'Ottubru, 2013

Il-Qorti,

Rat l-akkuza migjuba kontra l-appellanti Helga (Maria Helga) Muscat detentrici tal-karta ta' l-identita bin-numru 394868M quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli :

Bhala persuna registrata mal-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud skond l-Att ta' l-1998 dwar Taxxa fuq il-Valur Mizjud (Att Nru. XXIII tal-1998) u regolamenti maghmulha bis-sahha tal-istess Att, fis- 7 ta' Novembru, 2010, gewwa hanut li jinsab f'Main Street – Rabat – Malta, jew hi jew impjegati taghha jew xi persuna ohra li kienet qed tagixxi ghan-nom taghha, provdiet jew offriet li tipprovdi lill-persuna ohra u/jew esponiet ghal bejgh oggetti waqt li kienet sprovvista minn cash register fiskali jew kotba tar-ricevuti fiskali kif mahruga jew approvati mill-

Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud, u dan bi ksur tal-partiti 1, 2, 3 u 10 tat-Tlettax il-Skeda tal-Att tal-1998 dwar Taxxa fuq il-Valur Mizjud (Att Nru. XXIII tal-1998) u l-artikoli 51 u 77(o) u 82 tal-istess Att.
Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tas-6 ta' Lulju, 2011 fejn il-Qorti wara li rat l-artikoli 51, 77(o) u 82 tal-Kapitolu 406 tal-Ligijiet ta' Malta sabet lill-imputata hatja ta' l-imputazzjoni migjuba kontra taghha u tikkundannaha multa ta' tmien mitt Euro (€800).
Rat ir-rikors tal-appellanti Helga (Maria-Helga) Muscat pprezentat fir-registru ta' din il-Qorti nhar it-12 ta' Lulju, 2011 li permezz tieghu talbet lil din il-Qorti tirrevoka u thassar is-sentenza appellata u minflok tillibera lill-istess appellanti mill-akkuzi kollha migjuba kontra taghha.
Fliet l-atti kollha processwali.
Rat il-fedina penali aggornata tal-appellanti, esebita mill-prosekuzjoni fuq ordni tal-Qorti.
Illi l-aggravji tal-appellanti li in succint huwa is-segwenti :
Illi l-appellanti tirrileva illi hija ma kellha l-ebda intenzjoni, la generika u lanqas specifika, u dana minkejja illi hija kienet sprovvista minn cash register u fiscal receipt book u ghaldaqstant tirrileva illi l-ewwel Onorabbli Qorti kellha tillibera mill-akkuzi migjuba kontra taghha.
Illi in vista anke tal-provi mressqa quddiem l-Ewwel Onorabbli Qorti, l-appellanti umilment tirrileva illi l-Ewwel Onorabbli Qorti kellha d-diskrezzjoni tillibera minn kull akkuza migjuba kontra taghha u kuntrarju ghal dak illi gie sottomess mill-prosekuzjoni u milqugh mill-Ewwel Onorabbli Qorti, il-fatt wahdu illi persuna giet akkuzata bl-akkuzi taht dan l-Artikolu (Artikolu 77(o)) ma jfissirx illi l-Onorabbli Qorti m'ghandiex triq ohra hlief dak illi ssib htija fiha.

Ikkunsidrat.

Irrizulta mill-provi illi fis-7 ta' Novembru, 2010 l-VAT Inspectors Rachael Cordina u Louis Camilleri marru fil-hanut f'Main Street ir-Rabat u hemm sabu jopera l-hanut certa Nicholas Cassar. Fil-hantu kien hemm in-nies u kien qed isir il-bejh, pero' dan ma kienx qed jigi registrat fuq cash register u lanqas ma kienet qed tigi moghtija

rcevuta. Nicholas Cassar kien qed inizzel kollox fuq bicca karta fejn kien qed jindika s-sales. Nicholas Cassar xehed illi kien ilu biss jumejn jahdem fil-bar u l-gurnata ta' qabel kienet "launching night" fejn allura ma kienux qeghdin jiehdu flus. Peress illi ma kienx ghadu gie konsenjat il-cash register allura beda jnizzel is-sales fuq bicca karta biex dawn imbaghad jirregistrahom l-ghada meta tigi l-cash register bhal li kieku s-sales saru f'dik il-gurnata. Kien jaf illi ma kienx hemm cash register ghaliex kienet qaltlu Helga Muscat.

Dina xehedet illi l-ftuh tal-bar kien fil-5 ta' Novembru, 2010 fejn ghamlu launching party. Is-Sibt ma fethux u l-Hadd fethu ghall-pubbliku. Kienet id-ditta NG Solutions illi kellhom idawru l-cash register fuq isimha. Dan ma sarx sal-11 ta' Lulju, 2010 pero' kellhom jifthu xorta wahda. Il-cash register registrat f'isimha gie konsenjat fit-12 ta' Lulju u s-sales kollha tal-Hadd gew registrati bhal li kieku saru t-Tnejn. Ma kienetx taf illi setghet takkwista rcevuti fiskali xorta wahda minghar il-bzonn ta' cash register. Qalet ukoll li l-cash register kienet xtrata xi gimghatejn qabel ma fethu u dana peress illi l-ewwel wahda illi kienet xtrat f'Settembru ma kienetx tahdem u kellha tixtri ohra f'Ottubru vicin d-data meta kienu se jifthu ghall-pubbliku. B'Sentenza moghtija fis-6 ta' Lulju, 2011 (fol 12) il-Qorti tal-Magistrati sabet lill-appellanta hatja ta' kull imputazzjoni dedotta kontra taghha u kkundannata ghal multa ta' €800.

Ikkunsidrat.

Ma hemmx dubju illi l-appellanta ma osservatx il-kweziti tal-Kap 406 tal-Ligijiet ta' Malta u b'dan in-nuqqas esponiet ruhha ghall- proceduri kriminali indipendentament minn jekk fil-fatt l-erarju kienx gie mcahhad minn dak dovut lilu. L-ewwel Qorti kkwotat b'success il-kawza Il-Pulizija vs Lino Cachia deciza fis-26 ta' Frar, 2001 u din il-Qorti ukoll taghmel piena referenza. Ghalhekk issib, illi fuq il-provi li kellha quddiemha l-ewwel Qorti dina setghet legalment u raganevalment tasal ghall-konkluzjoni illi waslet ghaliha u ghalhekk mhux il-kaz illi tigi disturbata d-diskrezzjoni ta' l-ewwel Qorti.

Ghal dawn il-mottivi l-Qorti taqta’ u tiddeciedi illi tichad l-appell u tikkonferma s-Sentenza appellata.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------